Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2023/2310

19.10.2023

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 21/2023

tat-3 ta' Frar 2023

li temenda l-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informatika) u l-Protokoll 37 (li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/2310]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ('il-Ftehim dwar iż-ŻEE'), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni ([1]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/151 tat-30 ta' Jannar 2018 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' speċifikazzjoni ulterjuri tal-elementi li għandhom iqisu l-fornituri tas-servizzi diġitali għall-ġestjoni tar-riskji għas-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni u tal-parametri għad-determinazzjoni dwar jekk inċident għandux impatt sostanzjali ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(3) Biex il-Ftehim dwar iż-ŻEE jiffunzjona tajjeb, il-Protokoll 37 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi estiż biex jinkludi l-Grupp ta' Kooperazzjoni stabbilit bid-Direttiva (UE) 2016/1148.

(4) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness XI u l-Protokoll 37 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġu emendati kif xieraq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 5cp (ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XI tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"5cpa. **32016 L 1148**: Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1).

Il-modalitajiet ta' assoċjazzjoni tal-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Artikolu 101 tal-Ftehim:

L-Istati tal-EFTA għandhom jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-Grupp ta' Kooperazzjoni u fi ħdanu għandu jkollhom l-istess drittijiet u obbligi bħall-Istati Membri tal-UE, ħlief id-dritt għall-vot.

5cpaa. **32018 R 0151**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/151 tat-30 ta' Jannar 2018 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' speċifikazzjoni ulterjuri tal-elementi li għandhom iqisu l-fornituri tas-servizzi diġitali għall-ġestjoni tar-riskji għas-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni u tal-parametri għad-determinazzjoni dwar jekk inċident għandux impatt sostanzjali (ĠU L 26, 31.1.2018, p. 48)."

([1]) ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1.
([2]) ĠU L 26, 31.1.2018, p. 48.

Artikolu 2

Il-punt li ġej jiżdied fil-Protokoll 37 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"47. Il-Grupp ta' Kooperazzjoni (id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni)."

Artikolu 3

It-testi tad-Direttiva (UE) 2016/1148 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/151 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-4 ta' Frar 2023, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Frar 2023.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Nicolas VON LINGEN

* Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.